

Kawża C-503/09

Lucy Stewart

vs

Secretary of State for Work and Pensions

(talba għal deċiżjoni preliminari
mressqa mill-Upper Tribunal (Administrative Appeals Chamber))

“Sigurtà soċjali — Regolament (KEE) Nru 1408/71 — Artikoli 4, 10 u 10a — Benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil zghażaġh b’diżabbiltà — Benefiċċju tal-mard jew benefiċċju tal-invalidità — Kundizzjonijiet ta’ residenza, ta’ preżenza fil-mument meta ssir l-applikazzjoni, u ta’ preżenza preċedenti — Ċittadinanza tal-Unjoni — Proporzjonalità”

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali P. Cruz Villalón, ippreżentati fis-
17 ta’ Marzu 2011 I - 6499
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-21 ta’ Lulju 2011 I - 6523

Sommarju tas-sentenza

1. *Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti — Leġiżlazzjoni tal-Unjoni — Kamp ta’ applikazzjoni ratione materiae — Benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil zghażaġh b’diżabbiltà — Inklużjoni bħala benefiċċju tal-invalidità u mhux bħala benefiċċju tal-mard (Regolament tal-Kunsill Nru 1408/71, Artikolu 4(1)(b))*

2. *Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti — Benefiċċji — Klawżoli ta' residenza — Rinunzja — Kundizzjoni ta' residenza għall-għoti ta' benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil zghażaġh b'diżabbiltà*

(Regolament tal-Kunsill Nru 1408/71, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1))

3. *Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea — Dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri — Vantaġġi soċjali — Benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil zghażaġh b'diżabbiltà*

(Artikolu 21(1) TFUE)

1. Benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil zghażaġh b'diżabbiltà jikkostitwixxi benefiċċju tal-invalidità skont l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament Nru 1408/71, fil-verżjoni tiegħu kif emendat u aġġornat bir-Regolament Nru 118/97, kif emendat bir-Regolament Nru 647/2005, jekk ikun stabbilit, sa minn meta ssir l-applikazzjoni, li l-applikant għandu diżabbiltà permanenti jew fit-tul. F'tali sitwazzjoni, dan il-benefiċċju jkun direttament relatat mar-riskju ta' invalidità stabbilit fid-dispożizzjoni msemmija.

(ara l-punti 53, 54 u d-dispożittiv 1)

2. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1408/71, fil-verżjoni tiegħu kif emendat u aġġornat bir-Regolament Nru 118/97, kif emendat bir-Regolament Nru 647/2005, jipprekludi li Stat Membru jissuġġetta l-għoti ta' benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil zghażaġh b'diżabbiltà, li jitqies bħala benefiċċju tal-invalidità,

għal kundizzjoni ta' residenza abitwali tal-applikant fit-territorju tiegħu.

(ara l-punt 70 u d-dispożittiv 2)

3. L-Artikolu 21(1) TFUE jipprekludi li Stat Membru jissuġġetta l-għoti ta' benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil zghażaġh b'diżabbiltà:

— għal kundizzjoni ta' preżenza preċedenti tal-applikant fit-territorju tiegħu bl-esklużjoni ta' kull element ieħor li jippermetti li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta reali bejn l-applikant u dan l-Istat Membru, u

— għal kundizzjoni ta' preżenza tal-applikant fit-territorju tiegħu fil-mument meta ssir l-applikazzjoni.

(ara l-punti 104, 109, 110 u d-dispożittiv 2)